

32004L0015

L 52/61

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.2.2004

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2004/15/KE**ta' l-10 ta' Frar 2004****li temenda d-Direttiva 77/388/KEE biex testendi l-faċilità li tħalli l-Istati Membri japplikaw rati mnaqqsin ta' VAT lil ċerti servizzi ta' xogħol intensiv**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmen l-Artikolu 93 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (¹);

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (²).

Billi:

- (1) L-Artikolu 28(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq il-qleġ - sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (³), tħalli r-rati mnaqqsin previsti fit-tielet sottoparagrafu ta' l-Artikolu 12(3)(a) li għandhom jiġu applikati wkoll lis-servizzi ta' xogħol intensiv imniżż-lin fil-kategoriji stabbiliti fl-Anness K ta' dik id-Direttiva għal perjodu massimu ta' erba' snin mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2003.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/185/KE tat-28 ta' Frar 2000 li tawtorizza lill-Istati Membri japplikaw rata mnaqqsa ta' VAT lil ċerti servizzi ta' xogħol intensiv skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 28(6) tad-Direttiva 77/388/KEE (⁴), awtorizzat lil ċerti Stati Membri japplikaw rata mnaqqsa ta' VAT lil dawk is-servizzi ta' xogħol intensiv għal liema kienu taw applikaxxjoni sal-31 ta' Diċembru 2003.
- (3) Fuq il-bażi tar-rapporti ta' stima mogħtija mill-Istati Membri li applikaw ir-rata mnaqqsa, il-Kummissjoni tat-ir-rapport ta' stima globali tagħha fit-2 ta' Ġunju 2003.
- (4) Bi qbil ma' l-istratgeġja tagħha biex ittejjeb il-ħidma tas-sistema ta' VAT fil-kuntest tas-suq intern, il-Kummissjoni adottat proposta għal reviżjoni ġenerali tar-rati mnaqqsin ta' VAT biex tissimplifika u tirazzjanolizza dawn.
- (5) Peress li l-Kunsill ma laħaqx ftehim dwar il-kontenut tal-proposta, għandu jinata' l-ħin meħtieġ biex jagħmel dan, sabiex tīgi evita inċertezza legali mill-1 ta' Jannar 2004

il-perjodu massimu ta' applikazzjoni stabbilit għal din il-miżura fid-Direttiva 77/388/KEE għandu għalhekk jiġi estiż.

- (6) Sabiex tīgi assigurata l-applikazzjoni kontinwa ta' l-Artikolu 28(6) tad-Direttiva 77/388/KEE, proviżjoni għandha tīgi magħmula biex din id-Direttiva tapplika b'mod retroattiv.
- (7) L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva bl-ebda mod tim-plika bidla fid-disposizzjonijiet leġislativi ta' l-Istati Membri.
- (8) Id-Deċiżjoni 77/388/KEE għandha tīgi emendata skond dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 28(6) tad-Direttiva 77/388/KEE il-kliem "erba' snin bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2003" għandhom jiġu mibdulin bil-kliem "sitt snin bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2005".

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 10 Frar 2004.

Fisem il-Kunsill

Il-President

C. McCREEVY

(¹) Opinjoni mogħtija fl-15 ta' Jannar 2004 (għadha ma ġietx ippubbli-kata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(²) Opinjoni mogħtija fit-28 ta' Jannar 2004 (għadha ma ġietx ippubbli-kata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(³) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2004/7/KE (ĠU L 27, tat-30.1.2004, p. 44).

(⁴) ĠU L 59, ta' l-4.3.2000, p. 10. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2002/954/KE (ĠU L 331, tas-7.12.2002, p. 28).